**3 ta' Novembru, 1959**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.L.itt., LL.D.**
Antonia Zammit
*versus*
Emmanuele Vella et.

**Komunjoni tal-Akkwisti — Konsorzju — Liċitazzjoni — Offerti "animo compensandi" — Depożitu.**

*Għalkemm fond jiġi akkwistat minn mara fil-kors taż-żwieġ tagħha, l-istess fond ma jidħolx fil-komunjoni tal-akkwisti eż'stenti bejnha u bejn żewġha, jekk l-istess fond ġie minnha akkwistat f'liċitazzjoni fejn hija kienet waħda mill-komproprjetarji u kolliċitanti; u dan anki jekk il-fond ġie liberat lilha fl'mkien ma' żewġha. Il-fond hekk akkwistat jibqa' parafernali tal-mara; u l-komunjoni tal-akkwisti tibqa' kreditriċi tal-valur li jkun ġie depożitat għall-akkwist tal-fond.*

*Għaldaqstant. kull azzjoni li titnissel mill-pussess tal-fond hekk akkwistat għandha tiġi esperita mill-mara bil-kunsens u assistenza ta' żewġha, jew talvolta mir-raġel, mhux però f'ismu proprju, imma bħala amministratur tal-beni ta' martu.*

*Għaldaqstant ukoll, id-depożitu tal-prezz hu magħmul sewwa meta hu magħmul f'isem il-mara, u mhux f'isem żewġha bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*F'każ simili, il-mara ma għandhiex bżonn titlob il-permess tal-Qorti biex fil-liċitazzjoni toffri "animo compensandi"; għaliex dan l-obligu j'nkombi lil min ikollu kreditu likwidu pro-*

*venjenti minn sentenza, jew kuntratt, jew obligazzjoni oħra bil-miktub, u mhux għal min hu komproprjetarju tal-fond li ser jiġi liċitat. U meta mill-prezz tal-akkwist il-mara tnaqqas il-kwota korrispondenti għas-sehem li hija kellha mill-fond qabel ma ġie liberat lilha, dan hija tagħmlu mhux bħala kreditriċi, imma bħala komproprjetarja fil-fond liċitat.*

*Mhix aċċettabbli s-sottomissjoni illi d-depożitu tal-mara mhux integru għax hija debitriċi f'ammont li għad irid jiġi rattizzat, korrispondenti għal sehemha tal-ispejjeż tal-proċedura tal-liċitazzjoni, li skond is-sentenza għandhom qabel xejn jiġu prelevati mill-prezz tal-bejgħ; għax meta l-aġġudikatarju jkun wieħed mill-istess kolliċitanti, il-liċitazzjoni hija diviżjoni, mentri hija bejgħ meta l-aġġudikatarju huwa estraneu; u kwindi dik il-mara t'ġi li ma xtrat xejn; u għalhekk hu biżżejjed li hija tagħmel mad-depożitu tal-prezz riżerva fis-sens li tħallas sehemha minn dawn l-ispejjeż meta jsiru l-konteġġi meħtieġa biex jiġu definittivament likwidati l-pendenzi bejn il-kondividenti jew kolliċitanti.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, kif assistita minn żewġha, wara li tippremetti illi hija, bħala liberatarja tal-fond 117 Rinella Street, Kalkara, iddepożitat biċ-ċedola numru 86 tal-ewwel ta' Lulju 1959, fl-ismijiet "Antonia Zammit vs. Emmanuele Vella et.", is-somma ta' £504.3.4, ekwivalenti għal ħames sesti (5/6) tal-prezz tal-liberazzjoni, peress illi hija ġa kienet komproprjetarja tal-fond mibjugħ f'sesta parti (1/6) indiviża, skond is-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Marzu 1959 fil-kawża fl-ismijiet "Emmanuele Vella vs. Lorenzo Vella et."; u illi b'rikors preżentat mill-konvenut Emmanuele Vella fid-9 ta' Lulju 1959 dan oppona ruħu għad-depożitu tagħha fuq riferit, u talab illi, fin-nuqqas ta' reintegrazzjoni ta' dak id-depożitu fiż-żmien li jiġi lilha prefiss, jiġu applikati kontra tagħha l-komminazzjonijiet tal-art. 341(1) tal-Proċedura Ċivili jew kull provvediment ieħor; u illi din il-Qorti, bid-digriet tagħha tad-29 ta' Lulju 1959, mogħti fuq ir-rikors fuq imsemmi, ordnatilha tirreintegra d-depożitu fi żmien għaxar tijiem fuq il-motiv tal-art. 329 tal-Proċedura Ċivili; u illi

hija, meta xtrat il-fond, xtrat biss il-kwoti ta' ħames sesti li ma kienux tagħha, u ma xtratx ukoll is-sest li ġa kien tagħha, u għalhekk hija ma kienetx tenuta tiddepożita wkoll l-ammont ekwivalenti għas-sehem tagħha; titlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, u previja d-dikjarazzjoni li d-depożitu tagħha biċ-ċedola fuq riferita huwa validu fil-liġi, jiġi revokat id-digriet fuq imsemmi tad-29 ta' Lulju 1959. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-kawża, fil-qosor, huma dawn. B'sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Marzu 1959, fil-kawża in re "Emmanuele Vella vs. Lorenzo Vella et.", bejn l-istess partijiet f'din il-kawża, intiża għad-diviżjoni bejniethom ta' beni li kienu jippossjedu in komun, ġiet ordnata l-vendita in liċitazzjoni, b'ammissjoni ta' offerti barranin, tal-fond numri 116 u 117 Rinella Street, Kalkara. Il-bejgħ hekk ordnat ġie eżegwit taħt l-awtorità ta' din il-Qorti, u l-fond imsemmi numru 117, fit-12 ta' Ġunju 1919, ġie liberat favur l-attriċi bil-prezz ta' £605;

In segwitu għall-liberazzjoni, billi minn dan il-fond kienet komposseditriċi ta' sesta parti ndiviża, riżultanti mill-imsemmija sentenza, l-attriċi, biċ-ċedola numru 86 tal-ewwel ta' Lulju 1959, iddepożitat taħt l-awtorità ta' din il-Qorti biex tittieħed mill-kompossessuri l-oħra, ċjoè l-konvenuti, is-somma biss ta' £504.3.4, ekwivalenti għal ħames sesti tal-prezz tal-fond liberat lilha; għaliex, kif esprimiet f'dik iċ-ċedola, minnu kien imissha sest indiviż ekwivalenti għal £100.16.8 mill-prezz, u rriżervat li tikkonteġġja l-ispejjeż tal-liberazzjoni, insinwazzjoni u banditur, aktar tard;

B'rikors tad-9 ta' Lulju 1959 il-konvenut Emmanuele Vella, wara li espona li l-attriċi hi wkoll debitriċi f'ammont li għad irid jiġi ratizzat, korrispondenti għal sehemha tal-ispejjeż tal-proċedura tal-liċitazzjoni, li skond is-sentenza għandhom qabel xejn jiġu prelevati mir-rikavat tal-

bejgħ. u li ma jirriżultax li l-attriċi, liberatarja, ottemperat ruħha mad-dispożizzjonijiet analogi tal-liġi biex toffri "animo compensandi". u illi l-kompensazzjoni minnha magħmula ma setgħetx tiġi approvata, oppona ruħu għal dik il-kompensazzjoni, u talab li l-attriċi tiġi ordnata tirreintegra d-depożitu fi żmien li jiġi lilha prefiss, u fin-nuqqas ta' reintegrazzjoni tad-depożitu fl-istess żmien jiġu applikati kontra tagħha l-komminazzjonijiet sanċiti fl-art. 341(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jew kwalunkwe provvediment ieħor skond il-każ. B'risposta tal-24 ta' Lulju 1959 għal dak ir-rikors, l-attriċi ssottomettiet li l-artikoli tal-liġi msemmijin mill-konvenut Emmanuele Vella mhumiex applikabbli għall-każ, billi ċ-ċedola tal-ewwel ta' Lulju 1959 mhix ċedola ta' kompensazzjoni, iżda ċedola sussegwenti għall-bejgħ b'liċitazzjoni. B'digriet tad-29 ta' Lulju 1959 din il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut Emmanuele Vella, u ordnat lill-attriċi, bħala liberatarja tal-fond, tirreintegra d-depożitu fi żmien għaxart ijiem, billi kkunsidrat illi skond l-art. 329 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-kumpratur, mingħajr distinzjoni min ikun, għandu jiddepożita l-prezz intier tal-bejgħ. L-attriċi ġiet il-quddiem b'din il-kawża biex titlob ir-revoka ta' dan id-digriet, billi tippretendi li d-depożitu magħmul minnha hu legalment validu;

Illi l-konvenuti Domenico Gatt, Giuseppe Vella u Marianna Esposito ma opponewx ruħhom għat-talba tal-attriċi; il-konvenut Lorenzo Vella baqa' kontumaċi; imma l-konvenut Emmanuele Vella jopponi l-istess talba, u in linea preliminari jeċċepixxi li l-attriċi mhix persuna leġittima biex tistitwixxi din il-kawża. għaliex il-fond fil-kwistjoni ġie mixtri minnha waqt iż-żwieġ, u għalhekk daħal fil-komunjoni tal-akkwisti li tagħha leġittimu rappreżentant u kap hu żewġha;

Ikkunsidrat, rigward din l-eċċezzjoni;

Illi l-fond imsemmi, għalkemm ġie akkwistat mill-attriċi fi żmien iż-żwieġ, ma daħalx fil-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-istess attriċi u r-raġel tagħha. Il-fond ġie akkwistat mill-attriċi f'liċitazzjoni li saret bejn il-komproprjetarji; u meta fond jiġi liċitat bejn il-komproprje-

tarji, u fosthom ikun hemm mara miżżewġa u dak il-fond jiġi liberat lilha, anki flimkien ma' żewġha, dak il-fond, anki jekk jiġi liberat favur tagħha u ta' żewġha, ma jidħol'x fl-akkwisti, imma jibqa' kunsidrat bħala parafernali tal-mara. Il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' kreditriċi tal-valur li jkun ġie depożitat għall-akkwist tal-fond. Għal-hekk, kull azzjoni li titnissel mill-pussess ta' fond hekk akkwistat għandha tiġi esperita mill-mara bil-kunsens u assistenza ta' żewġha, jew talvolta mir-raġel, però mhux f'ismu proprju, imma bħala amministratur tal-beni ta' martu (P.A. 30.5.1951 "Cassar vs. Bartolo"). Din l-eċċezzjoni tiġi għalhekk respinta;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Illi l-konvenut Emmanuele Vella jopponi t-talba tal-attriċi billi jissottometti (1) li d-depożitu magħmul mill-attriċi mhux validu, għaliex messu sar f'isem żewġha bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti; (2) li ma jirriżultax li l-attriċi, liberatarja tal-fond, ottemperat ruħha biex toffri "animo compensandi" mad-dispożizzjonijiet tal-art. 334, 335, 338 u 339 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u kwindi l-kompensazzjoni pretiża mill-attriċi ma tistax tiġi approvata, u jsiru applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-art. 329 jew 341 u 330(2) u (3) tal-istess Kodiċi; (3) u li fi kwalunkwe każ l-attriċi hi ukoll debitriċi f'ammont li għad irid jiġi ratizzat, korrispondenti għal sehemha tal-ispejjeż tal-proċedura tal-liċitazzjoni, li skond is-sentenza għandhom qabel xejn jiġu prelevati mir-rikavat tal-bejgħ;

Illi l-ewwel sottomissjoni mhix aċċettabbli. Il-fond, kif ġa ngħad, ġie liberat favur l-attriċi f'liċitazzjoni li saret bejn il-komproprjetarji li hija kienet fosthom, u kwindi dak il-fond ma daħalx fil-komunjoni tal-akkwisti u baqa' jiġi kunsidrat parafernali tal-attriċi. Il-komunjoni tal-akkwisti baqgħet kreditriċi tal-valur li ġie depożitat għall-akkwist tal-fond. Id-depożitu tal-prezz, bħal kull azzjoni li titnissel mill-pussess tal-fond hekk akkwistat, mill-attriċi, kellu jiġi, kif ġie, magħmul mill-istess attriċi (v. sentenza ġa ċitata);

Illi lanqas ma hi aċċettabbli t-tieni sottomissjoni. Biċ-ċedola tal-ewwel ta' Lulju 1959 l-attriċi kkompensat, ċjoè

naqqset mill-prezz tal-liberazzjoni, is-somma ta' £100.16.8 mhux *bħala kreditriċi ta' dik is-somma, imma billi l-istess* kienet tikkorrispondi għas-sehem li kellha mil-fond qabel ma ġie liberat favur tagħha. L-attriċi ma kellha ebda obligu li titlob permess lill-Qorti biex toffri "animo compensandi", għaliex l-obligu li jitlob dan il-permess jinkombi lil min jkollu kreditu likwidu provenjenti minn sentenza, kuntratt jew obligazzjoni oħra bil-miktub — ħwejjeġ dawn li ma jirrikorrux fil-każ tal-attriċi;

*Illi hi wkoll inaċċettabbli* s-sottomissjoni l-oħra talimsemmi konvenut. Kif ġie ritenut minn din il-Qorti fis-27 Lulju 1957, fil-kawża in re "Onor. Dominic Mintoff ne. vs. Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier de Puget", diversi huma l-effetti ġuridiċi tal-liċitazzjoni; għaliex meta l-liċitazzjoni ssir lil wieħed mill-kompossessuri, tieħu l-lok ta' diviżjoni, mentri meta ssir lil wieħed estran, il-liċitazzjoni jkollha l-karattri kollha tal-bejgħ, billi l-liċitazzjoni tista', skond il-każ, tekwivali għal diviżjoni jew għal vendita. Hi mod li bih wieħed joħroġ mill-indiviżjoni, u kwindi tekwivali għal diviżjoni jekk *wieħed mil-komunisti* jirrendi ruħu aġġudikatarju, għaliex il-komunista li jilliċita l-ħaġa mhux kumpratur, iżda komproprjetarju "pro indiviso" li jqiegħed tmiem għall-indiviżjoni; għaliex dan hu l-iskop li huwa jkollu meta jikkonkorri għall-liċitazzjoni. L-effetti tal-liċitazzjoni, però, huma ben diversi meta min jirrendi ruħu aġġudikatarju ikun estraniu; għaliex f'dan il-każ il-liċitazzjoni hi vendita li l-komunisti jagħmlu lil min jilliċita l-ħaġa, u b'konsegwenza l-aġġudikazzjoni tipproduċi l-effetti ta' vendita;

*Skond dawn il-prinċipji, l-attriċi, komposseditriċi* talfond, u li rrendiet ruħha aġġudikatarja tiegħu fil-liberazzjoni relattiva favur tagħha, ma xtratx, kif lanqas ma biegħet xejn mill-istess fond imma l-fond jitqies li mess lilha b'diviżjoni jew f'lok il-kwota ereditarja tagħha, u għalhekk hija kellha biss l-obligu li tħallas, kif ħallset, lill-kompossessuri l-oħra, fosthom il-konvenut Emmanuele Vella, bi flus, is-somma akwivalenti għall-kwota tagħhom mil-prezz tal-liberazzjoni ċjoè ħames sesti, billi l-kwota rimanenti ta' sest kienet ġa tagħha (P.A. 11.1.1950 "Rizzo Bamber vs. Rizzo"). *Għalhekk, ladarba l-attriċi ma għand-*

hiex titqies bħala kumpratriċi tal-fond, id-dispożizzjoni tal-art. 329 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, invokata mill-konvenut, u li fuqha ġie bażat minn dil-Qorti d-digriet tad-29 ta' Lu'ju 1959. ma tapplikax fil-każ in ispeċje tagħha. Hu veru li l-attriċi, kif ġie minnha stess rikonoxxut fiċ-ċedola msemmija, għad trid tħallas sehemha tal-ispejjeż tal-proċedura tal-liċitazzjoni; minn dan, però, ma jsegwix li dan issehem tal-ispejjeż għandu jiġi wkoll depożitat minnha, u kien biżżejjed għall-attriċi li tirriżerva, kif effettivament irriżervat fiċ-ċedola, li tikkonteġġja dawn l-ispejjeż meta ikun hemm lok għal dan il-konteġġ;

Il-konvenut jissottometti li skond is-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Marzu 1959 dawn l-ispejjeż kellhom jiġu prelevati mir-rikavat tal-bejgħ. Dwar daqshekk jiġi osservat illi, apparti li, kif ġa ingħad, fil-każ in ispeċje ma kienx jittratta minn bejgħ imma minn diviżjoni, skond dik is-sentenza kellu jiġi maqsum bejn il-kontendenti, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż, ir-rikavat mhux biss tal-immobili, imma wkoll tad-deheb. Għalhekk l-attriċi kienet korretta meta għamlet l-imsemmija riżerva, ċjoè li tħallas sehemha minn danw l-ispejjeż aktar tard, jew meta jsir il-konteġġ totali tal-ispejjeż konsegwenzjali għall-bejgħ tal-fond l-ieħor numru 116 Rinella Street, Kalkara. u tad-deheb, indikati fl-istess sentenza, biex b'hekk isir konteġġ wieħed u finali;

Illi r-raġunijiet fuq miġjuba, fl-istess ħin li juru l-infondatezza tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, jiġġustifikaw it-talba tal-attriċi;

Illi l-konvenuti Domenico Gatt. Giuseppe Vella u Marianna Esposito ma opponewx ruħhom għat-talba tal-attriċi, u bir-raġun jissottomettu li huma ma għandhomx ibatu spejjeż, billi dan il-ġudizzju ġie provokat unikament mill-konvenut Emmanuele Vella;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tal-attriċi sollevata mill-konvenut Emmanuele Vella. bl-ispejjeż kontra tiegħu; u, prevja d-dikjarazzjoni mitluba

mill-attriċi, tiddeċidi adeżivament għat-talba tal-attriċi; bl-ispejjeż kollha tal-kawża kontra l-imsemmi konvenut Emmanuele Vella.